# Fidi, Tradizzjoni u *Tradizzjonijiet* fil-Festi





Philip Borg Ph.Lic. S.Th.B., Dip.Sc. Soc.

Il-knisja armata b'linef, damask u fided, it-toroq u l-imsieraħ imżejnin, il-baned imħejjijin sa snienhom, in-nar ta' l-art u ta' l-ajru li jitlob sengħa, arti u sagrifiċċju, il-qniepen ferrieħa, il-funzjonijiet twal u sbieħ, il-fwieħa ta' l-inċens, id-daqq melodjuż ta' l-orgni, l-orkestra fil-knejjes, il-korijiet, il-kotba tal-programmi, is-sunetti, tal-qubbajd… kollha xeni awtentiċi tal-Festa Maltija. Kollu xogħol ta' mħabba kbira li jeħtieġ xhur ta' tħejjija bla heda u volontarja minn tant u tant nies minn kull qasam tal-ħajja.

Il-festi tagħna jorbtu lill-Kappillan mal-President u ma' l-iċken kontributur f'nisġa ta' ħidmiet varji imma paralleli li flimkien iwasslu għal ftit jiem ta' ċelebrazzjoni speċjali fil-komunità – komunità magħquda bl-istess twemmin, bl-istess kultura u bl-istess tradizzjonijiet!

Fil-festi tagħna jieħu l-ħajja kull sena ħafna minn dak li kienu jagħmlu ġenerazzjonijiet sħaħ qabilna. Illum, bil-progress li nkiseb mas-snin, bosta drawwiet ħadu xeħta ġdida, iżda xorta waħda jsibu l-għeruq tagħhom, f'dak li kienu jagħmlu missirijietna. Jien dejjem nosserva li kulma jsir fil-festi tagħna jifforma vetrina ta' talent artistiku kbir u fl-istess waqt jorbot intrinsikament mat-tradizzjonijiet ta' ġensna – illum mal-bieraħ.

## Trasferiment ta' Wirt

Il-kelma "tradizzjoni" ġejja mil-Latin *traditio* li tfisser "tgħaddi m'għand wieħed għall-ieħor". F'din il-kelma jinġabru d-drawwiet, il-ħsieb, it-twemmin, il-gosti u l-metodi li għaddew minn ġenerazzjoni għall-oħra u mhux dejjem nistgħu jew inħabblu rasna nsibu meta jew kif bdew. Hu x'inhu, jibqgħu



drawwiet li għalina jiffurmaw il-mod kif ngħixu, kif nuru x'nemmnu u x'inħossu u kif niċċelebraw – u anki jekk ma naħsbux wisq fuqu – jorbotna sew ma' nisilna fis-sekli.

Infatti l-istudjuż nord-Amerikan Thomas Sowell (1930- ) jiddeskrivi t-tradizzjonijiet bħala "trasferiment ta' tagħlim b'mod effiċjenti u ekonomiku" għax jintiret b'mod naturali minn epoka għal oħra.[1]

Huwa jikteb fit-tul ukoll dwar il-folklor u jqisu bħala parti mit-tradizzjonijiet, għax jiġbor fih il-kultura espressiva, twemmin popolari, drawwiet u qwiel li huma komuni f'pajjiż jew lokal partikolari.

Sowell isostni li l-folklor u t-tradizzjonijiet jiddokumentaw l-ispirtu awtentiku u l-identità ta' poplu sħiħ. Ħafna li minn dak li huwa folklor joħroġ ċar fil-mod kif poplu partikolari jfakkar ġrajjiet jew anniversarji ewlenin fl-istorja tiegħu jew f'ċirkustanzi tal-familja, bħalma jistgħu jkunu twelid, żwieġ, funerali u oħrajn.[2]

## Folklor

F'dawn iċ-ċirkostanzi tal-familja hemm ritwali (forom ta' tifkira) li jseħħu u ilhom iseħħu hekk għal sekli sħaħ. Jekk dan jgħodd għall-familji individwali, jgħodd ukoll għall-"familja iktar wiesgħa" li hija l-komunità ffurmata mir-residenti f'lokal jew ieħor.[3]

L-etnografi u studjużi li fis-seklu dsatax bdew jagħtu importanza l-ġabriet tal-folklor madwar id-dinja, isostnu li drawwiet u ritwali li sa ftit ilu konna naħsbu li huma uniċi u partikolari għal pajjiż wieħed, fil-fatt hemm xebħ parallel għalihom f'pajjiżi oħra.

F'ċerti ambjenti nsibu gruppi kbar ta' nies f'post wieħed li jħaqquha sew biex jippriservaw il-folklor tagħhom. Probabbilment aħna l-Maltin ukoll hekk nagħmlu, sakemm ma ninħakmux u ma ninġarrux mill-istili moderni – kultant bla sinnifikat, minkejja li sikwit aktar attraenti – li nfirxu 'l ġewwa minn xtutna!

## Il-Bieraħ u Llum

Għad li ninsabu fl-2007, fil-festi tagħna nġibu l-imgħoddi fil-preżent. Dan nagħmluh



permezz ta' informazzjoni jew ġabra ta' għerf (snajja', qwiel u talenti) li twasslet minn missier għall-iben, minn familja għal familja, fi ħdan komunità li baqgħet iżżomm l-istess storja, l-istess kultura u l-istess twemmin.

Bosta minn dan kollu ma sibnieh miktub imkien, imma xorta wasal intatt sa żmienna - ħalliha li l-esiġenzi taż-żmien ġegħluna nirtukkjaw jew saħansitra nkabbru jew inċekknu l-mod kif isiru xi partijiet minn drawwa jew oħra.

Hija ħaġa tajba li l-ġenerazzjoni tal-lum tħossha marbuta ma' ta' qabilha u ta' qabilha. Fl-aħħar mill-aħħar, il-festi fil-parroċċi tagħna huma essenzjalment reliġjużi, marbutin ma' dak li nemmnu, u dak li nemmnu wasal għandna minn dak li għaddewlna ta' qabilna.

## Tradizzjoni

Infatti, irridu nżommu f'moħħna li t-twemmin Kattoliku jsib għeruqu fis-73 ktieb li jiffurmaw il-Kotba Mqaddsa. Imma nbena wkoll fuq it-Tradizzjoni Appostolika bla ebda interruzzjoni – sa minn kif kienu jgħallmu l-Appostli u kif kienu jemmnu u jgħixu l-insara tal-bidu f'Ġerusalemm u fil-bliet l-oħra fejn marru jippriedkaw l-Appostli wara l-inżul ta' l-Ispirtu s-Santu.

F'dan il-każ qed nirreferu għal Tradizzjoni (bit-T kbira) li hija waħdanija għax tfissrilna kif għexu t-Twemmin l-ewwel insara, u mhux sempliċiment xi delizzju jew xi forma ta' arti. Fil-każ tal-festi fil-parroċċi tagħna hemm bħal rabta bejn din it-Tradizzjoni (bħala insara) u tradizzjonijiet (bħala werrieta ta' min għex qabilna).



Irridu noqogħdu dejjem attenti ħafna li ma nħalltux "Tradizzjoni" ma' "tradizzjonijiet". Fl-ewwel waħda, dik bażika għall-Fidi tagħna, hemm il-qofol ta' dak li nemmnu u li nieħdu sehem fih matul il-jiem tal-festa titulari – liturġija u sagramenti. L-oħrajn huma forom ta' kif nesprimu l-ferħ tagħna u stil taċ-ċelebrazzjonijiet li nagħmlu – tiżjin, armar, nar, baned u dak kollu li huwa "tradizzjoni" fil-festa Maltija!

## Tradizzjonijiet

Il-filosfu Anglo-Ungeriż Michael Polanyi (1891-1976) jargumenta li l-importanza tat-tradizzjonijiet bħala wirt, toħroġ preċiżament mill-fatt li aħna nafu iktar milli nistgħu naħsbu li nafu u bosta drabi ngħaddu dak li nafu lill-oħrajn bla ma nirrealizzaw dak kollu li seta' influwenza l-iżvilupp tat-tradizzjonijiet li tgħallimna aħna stess.

Infatti, għalkemm kien magħruf ukoll għall-kumika u l-ekonomija u, allura jemmen u jeżża sew ix-xjenza,[4] dan il-filosfu jsostni li tradizzjoni hija għerf li nirtu bla ma noqogħdu nistaqsu għala u għaliex![5]

Ġeneralment inqisu li t-tradizzjonijiet huma antiki, jitqiesu importanti u ma jinbidlux, ukoll jekk xi kultant ma nifhmux sew x'rabta għandhom mal-festa li nkunu qed niċċelebraw! Huwa fatt li kull waħda mit-tradizzjonijiet bdiet għal xi raġuni partikolari, aktarx biex temfasizza l-importanza ta' xi virtù jew xi att erojku fil-ħajja tal-qaddis/a li tiegħu/tagħha nagħmlu l-festa.

## Festa

Il-kelma *fest* ġejja mill-Ingliż qadim, Franċiż medjevali jew mil-Latin *festa* jew *festivus*. Jingħad li ntużat l-ewwel darba fil-bidu tas-seklu tlettax u kienet tirreferi għal btala reliġjuża.

Fost ħafna reliġjonijiet insibu l-festi (jew festivals) li huma ċelebrazzjoni f'ġieħ Alla jew xi membri prominenti ta' din jew dik ir-reliġjon. Għalina l-Kattoliċi, il-kalendarju Liturġiku jindika żewġ festi ewlenin: it-Twelid ta' Ġesù u l-Qawmien Tiegħu mill-mewt. Hemm imbagħad (anki fost l-Ortodossi Orjentali u l-Anglikani) bosta festi liturġiċi oħrajn marbutin ma' waqtiet partikolari fil-ħajja ta' Ġesù, tal-Madonna u ta' bosta Qassisin.

Fiha nnifisha l-kelma "festa" tindika ċelebrazzjoni – waqfa ta' ferħ. Tul is-snin dejjem kienet mifhuma li taqdi twemmin, dmir jew bżonn speċifiku ta' grupp ta' nies f'post partikolari, kif ukoll biex tipprovdilhom forom ta' divertiment li jaqbel ma' l-ispirtu tal-festa.

Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet joffru waqtiet fejn in-nies iħossu li jappartjenu lil dik ir-reliġjon u lil dik il-komunità. Proprju għalhekk li fil-festi jkunu



organizzati attivitajiet li jilħqu lill-massa, u żgur li l-element bażika jkun l-għaqda fost dawk kollha li jieħdu sehem f'din jew dik iċ-ċelebrazzjoni.

### Għeluq

Quddiem dawn il-kunsiderazzjonijiet, xorta ssib min illum irid jeħles minn kulma jorbtu jew b'xi mod ixebbhu ma' l-imgħoddi. Issib min lest jarmi l-wirt kollu tas-sekli u jiskarta l-għerf kollu ta' missirijietna. Bosta drabi dan jagħmlu bħala skuża biex xejn ma jxekklu mir-ritmu tal-ħajja mgħaġġla tal-lum u mill-istil komdu imma individwalista jew egoista li bih jgħix. Każ tipiku huwa ta' dawk li kontinwament jibbumbardjaw l-imħuħ kontra l-logħob tan-nar u jisservew bl-iskuża taparsi umanitarja tal-morda!

Mill-banda l-oħra ma rridux inkunu tradizzjonalisti, għax malajr naqgħu fil-fundamentaliżmu radikali li jagħmi għal kollox lil min jaqa' f'dan l-estrem. It-tifsira tal-qofol tal-festi reliġjużi hija li tkun mument ta' għaqda fost il-komunità kollha. Bħala tali tkun dawgħa li xi ħadd jagħmel affarijiet biex sempliċiment jinki jew jisfida lil min ma jaqbilx miegħu. Fil-ħajja tal-komunità – speċjalment matul il-festi, għandu jinstab bilanċ bejn tradizzjonijiet u bżonnijiet tal-lum.

Fuq kollox, 'il fuq mit-tradizzjonijiet u r-ritwali kollha tal-festi tagħna, ma ninsew qatt li hemm it-Tradizzjoni bażika tat-twemmin. Permezz tagħha nistgħu nagħrfu min huma l-Qaddisin tagħna u għala l-Knisja Kattolika tpoġġihomlna bħala mudelli għall-ħajja ta' kuljum – is-sena kollha, mhux fil-festa biss!

**Riferenzi:**


[1] SOWELL, Thomas, *Knowledge and Decisions,* Stanford Univ., CA, USA, 1985.

[2] Ibid.

[3] MAYOR, Adrienne, *Bibliography of Classical Folklore: Myths, Legends, and Popular Beliefs*, from *Folklore* (April 2000)

[4] Ibnu, John Polanyi kiseb il-Premju Nobel għall-kimika fl-1986.

[5] POLANYI, M., *Personal Knowledge: Towards a Post-Critical Philosophy*, Merton College, Oxford, 1964.



DRIVE WELL
Motoring School

Joseph Vella
127, Triq il-Miġbħa,
Mellieħa Heights,
Mellieħa MLĦ 2249

Tel: 21 520986 • Mob: 9949 8240
E-mail: drivewell.ms@hotmail.com



MLP Club Mellieħa

Open for Breakfast, Lunch & Dinner
We serve Snacks all day

**Try our Speciality Rabbit and Horse Meat** (order in advance)

*Tel:* **21 522 562**